PARLAMENT TA' MALTA

Mistoqsijiet Parlamentari

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 26

L-Erbgħa, 21 t'Ottubru, 2026 fl-4:00 p.m.

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

ELEZZJONI ĠENERALI 2026 – PERSUNI LI KISBU Ċ-ĊITTADINANZA MALTIJA PERMEZZ TA' PROGRAMMI TA' INVESTIMENT

288. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti rendikont ta' kemm persuni kisbu ċ-ċittadinanza Maltija f'dawn l-aħħar għaxar snin permezz ta' programmi ta' investiment u jekk dawn kinux eliġibbli biex jivvutaw fl-aħħar Elezzjoni Ġenerali?

24/06/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Infakkar lill-Onor. Interpellant li l-Kummissjoni Elettorali hija entità kostituzzjonali indipendenti li ma taqa' taħt il-kontroll ta' l-ebda Ministeru. Peress li l-mistoqsijiet tal-Onor. Membru qed jirreferu għal statistika marbuta mal-proċess elettorali, li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni Elettorali, nitlob li l-mistoqsijiet jitressqu għal konsiderazzjoni tal-istess entità kostituzzjonali.

Seduta Numru 26
21/10/2026

PERSUNI IMPJEGATI MAL-GVERN U ENTITAJIET GOVERNATTIVI

289. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il persuna ġiet impjegata mal-Gvern jew ma' entitajiet governattivi matul ix-xhur ta' Frar, Marzu, April u Mejju 2026?

24/06/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninsab infurmat li bejn Frar u Mejju 2026 spiċċaw 344 persuna mill-impjieg tagħhom fis-Settur Pubbliku, filwaqt li ġew ingaġġati 530 persuna, il-parti kbira tagħhom daħlu jaħdmu fis-setturi tas-saħħa, sigurtà u l-edukazzjoni.

Seduta Numru 26
21/10/2026

IMPJIEGI MAL-GVERN U ENTITAJIET GOVERNATTIVI – LISTA DETTALJATA

290. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista dettaljata tal-impjiegi kollha li ngħataw mal-Gvern, ministeri, segretarjati parlamentari, awtoritajiet u entitajiet pubbliċi matul Frar, Marzu, April u Mejju 2026?

24/06/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 289.

Seduta Numru 26
21/10/2026

IMPJIEGI MAL-GVERN

291. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm mill-impjiegi mal-Gvern li ngħataw fi Frar, Marzu, April u Mejju 2026 kienu:
i. full-time;
ii. part-time;
iii. positions of trust; u
iv. direct orders jew direct engagement?

24/06/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninsab infurmat li l-persuni li ġew ingaġġati mas-Settur Pubbliku bejn Frar u Mejju 2026, ġew ingaġġati kif ġej:

Numru ta' Impjegati- Tip ta' Ingaġġ					
Xhur	**Full time**	**Part-Time**	**Positions of Trust**	**Direct orders/Direct Engagement**	**Total**
Frar	110	4	18	8	**140**
Marzu	126	8	12	5	**151**
April	133	11	13	8	**165**
Mejju	67	0	1	6	**74**
Total	**436**	**23**	**44**	**27**	**530**

Seduta Numru 26
21/10/2026

IMPJIEGI MAL-GVERN – INGAĠĠI

292. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm minn dawk il-persuni li ġew impjegati mal-Gvern fix-xhur ta' Frar, Marzu, April u Mejju 2026 ġew ingaġġati permezz ta' sejħa pubblika u kemm ġew ingaġġati mingħajr sejħa pubblika?

24/06/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 291.

Seduta Numru 26
21/10/2026

IMPJEGATI MAL-GVERN

293. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-grad, il-pożizzjoni u l-ministeru jew entità fejn ġew assenjati dawk il-persuni li ġew impjegati mal-Gvern fi Frar, Marzu, April u Mejju 2026?

24/06/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 289.

Seduta Numru 26
21/10/2026

REĠISTRU TAN-NEGOZJI – REĠISTRAZZJONIJIET ĠODDA

790. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-medja taż-żmien li r-Reġistru tan-Negozji jieħu sabiex jipproċessa reġistrazzjoni ġdida, annual return u notifika ta' bidla, maqsuma skont it-tip ta' servizz?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, meta r-Reġistru tan-Negozji jirċievi dokumenti jew notifiki li jkunu konformi mar-rekwiżiti legali u li ma jkunux jeħtieġu korrezzjonijiet jew emendi ulterjuri, il-proċess tal-ipproċessar isir fi żmien ta' tliet sigħat fil-każ ta' reġistrazzjoni ġdida. Fir-rigward tal-preżentazzjoni ta' annual return, il-proċess normalment jitlesta fi żmien ħmistax-il ġurnata ta' xogħol, filwaqt li notifiki relatati ma' bidliet jiġu pproċessati fi żmien ġurnata jew jumejn.

Seduta Numru 26
21/10/2026

REĠISTRU TAN-NEGOZJI – KUMPANIJI IMĦASSRA – NUQQAS TA' OSSERVANZA TAL-OBBLIGI LEGALI

791. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kumpanija ġiet imħassra mir-Reġistru tan-Negozji minħabba nuqqas ta' osservanza tal-obbligi legali matul l-aħħar tliet snin, maqsuma skont is-sena?

02/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub jinsab fit-tabella ta' hawn taħt.

Sena	Numru ta Kumpaniji
2023	2,658
2024	713
2025	2,080

Seduta Numru 26
21/10/2026

DIGITALISE YOUR SME – APPLIKAZZJONIJIET

792. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew sottomessi applikazzjonijiet għall-komponent tal-Intelliġenza Artifiċjali taħt l-iskema "Digitalise your SME" sal-lum, maqsuma skont is-settur ekonomiku?

02/07/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, sal-aħħar ta' Settembru 2026, ġew sottomessi 180 applikazzjoni taħt l-iskema Digitalise your SME, li 35 minnhom kienu jinkludu component tal-Intelliġenza Artifiċjali.

Dettalji tas-setturi ekonomiċi jinsabu fit-tabella ta' hawn taħt:

Economic Sector	Applications with AI component
Accommodation & Food Service Activities	2
Administrative & Support Services Activities	2
Arts, Sports and Recreation	1
Education	2
Financial & Insurance Activities	1
Human Health & Social Work Activities	1
Manufacturing	5
Professional, Scientific & Technical Activities	8
Publishing, Broadcasting, & Content Production & Distribution Activities	1
Real Estate Activities	1

Telecommunication, Computer Programming, Consulting, Computing Infrastructure & Other Information Service Activities	2
Wholesale & Retail	9
Total	**35**

Seduta Numru 26
21/10/2026

INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – TITJIEB FIL-PRODUTTIVITÀ

793. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kif se jiġi vverifikat biex jitkejjel it-titjib fil-produttività li fuqhom ser tkun ibbażata l-għotja addizzjonali relatata mal-Intelliġenza Artifiċjali?

02/07/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

975. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 682 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

07/07/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninsab infurmat li l-Amministrazzjoni Pubblika qed timplimenta ċentralment l-Intelliġenza artifiċjali permezz tal-iskjerament tal-copilot tal-Microsoft 365, taħt is-superviżjoni tal-MITA. Aktar minn 12,500 uffiċjal pubbliku ngħataw aċċess għas-servizz, li jappoġġja l-abbozzar u r-reviżjoni tad-dokumenti, l-analiżi tal-informazzjoni, is-sommarji tal-laqgħat, il-preżentazzjonijiet, il-komunikazzjoni u l-produttività. Il-MITA tuża wkoll il-kapaċitajiet tal-Intelliġenza artifiċjali biex tappoġġja l-iżvilupp tas-software, is-cybersecurity, il-monitoraġġ tas-servizz u l-awtomatizzazzjoni amministrattiva. B' mod simili l-Aġenzija Servizz.gov topera chatbot li jħares lejn il-pubbliku żviluppat bl-użu tal-Microsoft copilot Studio, disponibbli permezz tas-sit web tal-Servizz.gov biex iwieġeb mistoqsijiet dwar is-servizzi tal-Gvern u jidderieġi lill-utenti għall-informazzjoni rilevanti u s-servizzi online. Sadanittant billi l-AI huwa suġġett li jinbidel il-ħin kollu, il-Gvern qed iwettaq aġġornamenti kontinwi tal-politika tiegħu.

Seduta Numru 26
21/10/2026

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

976. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 683 u jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

07/07/2026

ONOR. IAN BORG: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 975.

Seduta Numru 26
21/10/2026

SKEJJEL - PROGRAMMI TA' EDUKAZZJONI DIĠITALI U SIGURTÀ ONLINE

1855. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk jeżistux programmi ta' edukazzjoni diġitali u sigurtà online fl-iskejjel?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li d-Direttorat għall-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Trasversali jimplimenta diversi programmi u inizjattivi ta' edukazzjoni diġitali u sigurtà online fl-iskejjel. Dawn jinkludu attivitajiet għall-istudenti u taħriġ kontinwu għall-edukaturi biex jippromwovu ċ-ċittadinanza diġitali, l-użu responsabbli tat-teknoloġija u s-sigurtà online.
Dawn l-inizjattivi huma wkoll parti mill-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Edukazzjoni Diġitali 2025–2030, li għandha l-għan li ssaħħaħ il-kompetenzi diġitali tal-istudenti u tal-edukaturi.
Infurmat ukoll li d-Direttorat għall-Wellbeing Services, permezz tat-tim kontra l-bullying, jintervjeni wkoll f'każijiet ta' bullying ta' natura diġitali jew online, billi jipprovdi appoġġ kemm lill-vittmi kif ukoll lill-istudenti involuti.

Seduta Numru 26
21/10/2026

SKEJJEL - PROGRAMMI TA' EDUKAZZJONI FINANZJARJA

1856. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk jeżistux programmi ta' edukazzjoni finanzjarja fl-iskejjel?

17/07/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li l-edukazzjoni finanzjarja hija integrata permezz ta' suġġetti bħall-Matematika, l-Istudji Soċjali u l-PSCD, fejn l-istudenti jiżviluppaw għarfien dwar l-immaniġġjar tal-flus, l-iffrankar u l-ibbaġitjar.
Barra minn hekk, l-edukazzjoni finanzjarja tkompli tissaħħaħ permezz ta' diversi inizjattivi u programmi, fosthom is-Centre of Excellence, ĠEMMA Outreach, il-programmi edukattivi tal-Bank Ċentrali ta' Malta, il-Financial Literacy Challenge, kif ukoll il-programm MoneyWise ta' Aġenzija Żgħażagħ, li huwa programm ta' edukazzjoni mhux formali akkreditat.

Seduta Numru 26
21/10/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ SAN MARTIN – XOGĦLIJIET

1965. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'tip ta' xogħlijiet qed isiru fi Triq San Martin, f'San Pawl il-Baħar, f'liema stadju waslu u meta mistennija jitlestew dawn ix-xogħlijiet?

21/07/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2588.

Seduta Numru 26
21/10/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ CASSARINO – XOGĦLIJIET

1966. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'tip ta' xogħlijiet qed isiru fi Triq Cassarino, f'San Pawl il-Baħar, f'liema stadju waslu u meta huma mistennija li jitlestew dawn ix-xogħlijiet?

21/07/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li x-xogħlijiet biex jinbidlu l-mejnijiet kemm tal-ilma kif ukoll tad-drenaġġ fit-triq indikata waslu fl-aħħar fażi.

Seduta Numru 26
21/10/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR – PROĠETT TAL-MINA

1967. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għall-proġett tal-mina f'San Pawl il-Baħar, tista' l-Ministru tagħti rendikont tax-xogħlijiet li twettqu sal-lum, ix-xogħlijiet li għadhom iridu jsiru u tindika x'inhu l-istadju li jmiss fl-implimentazzjoni tal-proġett?

21/07/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li x-xogħlijiet li tlestew jinkludu l-kostruzzjoni tal-jacking u receiving shafts, aġġustamenti fil-mina minħabba l-infiltrazzjoni tal-ilma, kif ukoll saru konnessjonijiet oħra man-network eżistenti tad-drenaġġ. Ix-xogħlijiet li fadal jinkludu t-tlestija ta' xogħlijiet fil-mina bl-ewwel Lot dieħel fil-fażi finali tiegħu filwaqt li għaddejjin ix-xogħlijiet tal-microtunnelling.
Meta jitlesta, dan il-proġett se jkun qiegħed iservi bħala l-infrastruttura ewlenija tas-sistema tad-drenaġġ fiż-żona.

Seduta Numru 26
21/10/2026

TFAL F'FOSTER FAMILIES

1968. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm tfal bħalissa f'foster families f'Malta u Għawdex?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li, n-numru ta' tfal u żgħażagħ fil-*Foster Care*, f'Malta u Għawdex, huwa kif jidher fit-tabella t'hawn taħt:

Numru totali ta' tfal u żgħażagħ fil-Foster Care:	**268**
Bniet	166 (16 minnhom huma 'l fuq minn 18-il sena)
Subien	102 (8 minnhom huma 'l fuq minn 18-il sena)

Seduta Numru 26
21/10/2026

INTERVENTI - LISTI TA' STENNIJA

2177. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm persuni fil-lista ta' stennija għal dawn l-interventi:
a. MRI;
b. Katarretti;
ċ. Knee replacement; u
d. Hip replacement?

24/07/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

INTERVENTI - LISTI TA' STENNIJA

2178. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ilha tistenna l-persuna li ilha l-aktar fuq il-lista ta' stennija għal dawn l-interventi:
a. MRI;
b. Katarretti;
ċ. Knee replacement; u
d. Hip replacement?

24/07/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

PATIENT CHARTER – RIMEDJI PRIVATI

2179. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk skont il-Patient Charter, wara kemm-il ġimgħa jew xahar, il-pazjent għall-MRI, bil-katarretti jew knee jew hip replacement għandu dritt ifittex rimedji privati bi spejjeż għall-Gvern?

24/07/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

CAYS – LISTA TA' STENNIJA

2180. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm tfal fuq il-lista ta' stennija għas-Servizzi għat-Tfal, l-Adoloxxenti u ż-Żgħażagħ (CAYS)?

24/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li fil-preżent, m'hemmx lista ta' stennija għall-ewwel appuntament fi ħdan CAYS li jista' jsir minn professjonisti varji. Ir-riferimenti jiġu skedati mal-ewwel punt ta' kuntatt skont il-ħtiġijiet tal-każ.

Seduta Numru 26
21/10/2026

KUNDIZZJONI TAL-AWTIŻMU – LISTA TA' STENNIJA GĦALL-ASSESSJAR

2181. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm tfal fuq il-lista ta' stennija biex isirilhom assessjar għall-kundizzjoni tal-awtiżmu?

24/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li l-proċess ta' evalwazzjoni għall-awtiżmu/ADHD fi ħdan CAYS ma jikkonsistix f'appuntament jew assessjar wieħed, iżda huwa parti minn proċess kliniku multidixxiplinarju li jinvolvi diversi stadji u professjonisti, skont il-ħtiġijiet individwali ta' kull tifel u tifla.

Matul dan il-proċess, it-tfal jistgħu jkunu diġà qed jibbenefikaw minn evalwazzjonijiet, osservazzjonijiet kliniċi, konsultazzjonijiet u interventi minn professjonisti differenti, anke qabel ma tiġi konkluża l-evalwazzjoni dijanjostika għall-awtiżmu.

Seduta Numru 26
21/10/2026

ADHD – LISTA TA' STENNIJA GĦALL-ASSESSJAR

2182. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm tfal fuq il-lista ta' stennija biex isirilhom assessjar għall-ADHD?

24/07/2026

ONOR. IAN BORG: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2181.

Seduta Numru 26
21/10/2026

IMWIET KAWŻA TA' SĦANA

2232. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm nies li mietu kawża ta' sħana matul Lulju 2026?

24/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont ir-Reġistru Nazzjonali tal-imwiet, in-numru ta' persuni li mietu b'konsegwenza diretta tal-effett tas-sħana f'Malta u Għawdex f'Lulju ta' 2026, kien ta' għoxrin (20). Fil-biċċa l-kbira ta' dawn il-każijiet, il-pazjenti kellhom ukoll kundizzjonijiet mediċi oħra li setgħu kkontribwew għall-mewt tagħhom

Seduta Numru 26
21/10/2026

IĊ-ĊIRKEWWA - KMAMAR MAĠENB IT-TOILETS

2233. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 23896 tal-Erbatax-il Leġislatura u 679 ta' din il-Leġislatura dwar il-kmamar li hemm maġenb it-toilets fiċ-Ċirkewwa, jista' l-Ministru jgħid jekk saritx jew hux qiegħda ssir diskussjoni mal-Ministru għal Għawdex, il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol u/jew il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli sabiex isir użu b'mod aktar bilanċjat mill-użu kurrenti tal-kmamar imsemmija u li jikkumplimentaw l-investimenti li saru fil-Park Marittimu fl-aħħar snin? Jista' jgħid ukoll kemm huwa essenzjali li dawn jibqgħu jintużaw mill-Kumpanija Gozo Channel meta din għandha aċċess għal faċilitajiet ferm ikbar fit-terminal taċ-Ċirkewwa u dawn il-kmamar huma maqtugħin ferm 'il bogħod miż-żoni prinċipali tal-operat tagħha? Minbarra li dawn ilhom is-snin f'idejn din il-kumpanija, jista' jgħid jekk hemmx xi ġustifikazzjoni oħra li tbiegħed il-ħsieb li l-użu kurrenti hu ħela sfaċċat ta' riżorsi?

24/07/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 679.

Seduta Numru 26
21/10/2026

DJAR PRIVATI MIKRIJA LIL MALTIN

2236. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx djar privati reġistrati li jikru lil ċittadini Maltin, u jekk iva, kemm?

27/07/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rekwiżiti marbuta mar-reġistrazzjoni huma dawk li jrid u jistipula l-Kap 604 tal-Liġijiet ta' Malta.
L-informazzjoni msemmija fil-mistoqsija mhijiex rekwiżit għall-fini ta' reġistrazzjoni ta' kuntratt ta' kiri skont il-Kap 604 u għaldaqstant ma tinżammx mill-Awtorità.

Seduta Numru 26
21/10/2026

DJAR PRIVATI MIKRIJA LIL ĊITTADINI BARRANIN

2237. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx djar privati li jikru lil ċittadini barranin, ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs) u ċittadini tal-Unjoni Ewropea (UE), u jekk iva, kemm?

27/07/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 2236**.**

Seduta Numru 26
21/10/2026

ELETTRIKU U ILMA – SORSI TA' PRODUZZJONI

2305. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tindika l-proporzjonijiet tas-sorsi ta' produzzjoni tal-ilma u tal-elettriku bejn l-2020 u l-2025, maqsuma sena b'sena, jiġifieri:
i. għall-ilma: estrazzjoni tal-ilma tal-pjan (aquifer), ilma minn impjanti tad-desalinizzazzjoni, u 'new water'; u
ii. għall-elettriku: ġenerazzjoni lokali u enerġija permezz tal-interconnector?

28/07/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 26
21/10/2026

PRODUZZJONI TAL-ILMA

2306. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hija l-enerġija medja kkunsmata u kemm tiswa (f'termini pekunjarji) għal kull metru kubu fil-produzzjoni ta':
i. 'new water' mill-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ;
ii. ilma potabbli (tajjeb għax-xorb) prodott mill-impjanti RO/desalination; u
iii. ilma potabbli minn estrazzjoni mill-ilma tal-pjan (aquifer)?

28/07/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 26
21/10/2026

VETTURI PRIVATI U KUMMERĊJALI LIĊENZJATI

2307. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jagħti n-numru totali ta' vetturi privati u kummerċjali liċenzjati fil-Mellieħa, San Pawl il Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u l-Imtarfa bejn l-2020 u l-2025, maqsuma sena b'sena?

28/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 26
21/10/2026

LIĊENZJI TAS-SEWQAN VALIDI

2308. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm residenti rreġistrati li għandhom liċenzja tas-sewqan valida fil-Mellieħa, San Pawl il Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u l-Imtarfa bejn l-2020 u l-2025, maqsuma sena b'sena?

28/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 26
21/10/2026

PERSUNI LI GĦANDHOM MINN 60 SENA 'L FUQ – STATISTIKA

2309. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li għandhom minn 60 sena 'l fuq sal-31 ta' Diċembru 2025, fil-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u l-Imtarfa, li kienu klassifikati bħala:
i. indipendenti;
ii. semi-indipendenti; u
iii. dipendenti?

28/07/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-NSO m'għandiex l-informazzjoni hekk kif mitlub fil-mistoqsija.

Seduta Numru 26
21/10/2026

KAROZZI TAL-LINJA – PASSIĠĠIERI

2310. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' passiġġieri li għamlu użu mill-karozzi tal-linja mill-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u l-Imtarfa (telgħu fuq il-karozza tal-linja minn dawn il-lokalitajiet), bejn l-2020 u l-2025, maqsuma xahar b'xahar?

28/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.
Ta' min jinnota li ż-żieda fin-numru ta' passiġġieri li għamlu użu mis-servizz tat-trasport pubbliku f'dawn il-lokalitajiet, b'mod partikolari matul l-aħħar tliet snin tal-perjodu indikat, għandha titqies ukoll fid-dawl tal-investiment kontinwu li sar fis-servizz tat-trasport pubbliku.
Fil-fatt, matul dawn is-snin ġew introdotti diversi rotot ġodda u saru emendi sostanzjali f'rotot eżistenti, fosthom TD3, TD1, X299, 207, 214, X300, 182, TD5, 101, 403, 404 u 405, bil-għan li tissaħħaħ il-konnettività, titjieb l-aċċessibbiltà u s-servizz ikun aktar adattat għall-ħtiġijiet tal-komunitajiet rispettivi.
Għall-finijiet ta' dawn il-figuri, għandu jiġi ċċarat li ċ-ċifri tal-Mellieħa jinkludu wkoll iċ-Ċirkewwa u l-Għadira, peress li dawn jagħmlu parti mil-limiti tal-Mellieħa; filwaqt li ċ-ċifri ta' San Pawl il-Baħar jinkludu wkoll ix-Xemxija, Buġibba, il-Qawra u Burmarrad, peress li dawn jagħmlu parti mil-limiti ta' San Pawl il-Baħar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – PROPRJETAJIET MIKRIJA

2339. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninsab infurmat li fid-dekasteru li jien responsabbli minnu hemm 43 proprjetà li hija mikrija mill-Gvern inkluż il-binja tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, żewġ ċentri tas-Servizz.gov mingħand l-Arċidjoċesi ta' Malta u tmien proprjetajiet li huma b'kirja mingħand il-privat.

Seduta Numru 26
21/10/2026

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – PROPRJETAJIET MIKRIJA

2340. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm proprjetà fid-dekasteru tiegħu li hi mikrija u kemm titħallas kera fis-sena?

30/07/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

STABBILIMENTI U KAŻINI – MUŻIKA QAWWIJA – ĦINIJIET

2439. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid sa x'ħin tista' tindaqq mużika qawwija minn stabbilimenti jew każini, kemm matul is-sena, kemm f'avvenimenti speċjali bħall-aħħar tas-sena u l-Milied, u kemm fi żminijiet partikolari bħal żmien il-festa? Jista' jgħid ukoll jekk issirx differenza bejn stabbilimenti skont il-post fejn qegħdin (żona residenzjali jew le)?

13/08/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat li jekk l-Onor. Membru qed jirreferi għal avvenimenti ta' darba fuq ġewwa, organizzati fi stabbilimenti jew każini, li jinvolvu daqq ta' mużika, dawn huma rregolati mill-Artikolu 10 tal-Att dwar il-Liċenzji Kummerċjali (Kap. 441 tal-Liġijiet ta' Malta), sakemm il-post ma jkunx diġà liċenzjat għal dak it-tip ta' divertiment.

F’dawn il-każijiet, hija meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel mill-Pulizija. Dawn l-avvenimenti jistgħu jibqgħu għaddejjin sas-2:00 ta’ filgħodu, sakemm il-permess maħruġ mill-Pulizija ma jispeċifikax ħin aktar kmieni. Il-Pulizija tista’ wkoll timponi kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet oħra fil-permess, li għandhom jiġu osservati mill-organizzaturi.

Seduta Numru 26
21/10/2026

BCA – REKLAMI U SPOTS TA’ INFORMAZZJONI

2504. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħallset l-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni (BCA) għal reklami jew spots ta' informazzjoni kull sena, minn kemm ilha li twaqqfet l-Awtorità fl-2021? Jista’ jgħid ukoll, skont il-każ, fuq liema media saru u kemm ħallset kull mediahouse/gazzetta/stazzjon tar-radju/stazzjon tat-televiżjoni?

19/08/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

TRANSPORT MALTA – BINI TA’ ĦITAN

2507. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn Transport Malta qed tibni tip ta' ħitan bi blokok kbar tal-ġebel (ritratt anness), minflok b'ħitan tas-sejjieħ skont is-sengħa li jikkumplimentaw il-pajsaġġ Malti?

19/08/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 26
21/10/2026

INFRASTRUCTURE MALTA – BINI TA’ ĦITAN

2508. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn Infrastructure Malta qed tibni tip ta' ħitan bi blokok kbar tal-ġebel (ritratt anness), minflok b'ħitan tas-sejjieħ skont is-sengħa li jikkumplimentaw il-pajsaġġ Malti?

19/08/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fejn hemm għelieqi għola mil-livell tat-triq, qegħdin jitpoġġew il-blokok tal-ġebel bħala sistema tal-qlugħ għall-ħamrija (retaining wall), inkella dawn jispiċċaw kollha għal ġot-triq mal-ewwel xita. Fuq barra ta’ dawn il-blokok u ‘l fuq minnhom għad irid jitkompla l-bini tal-ħitan tas-sejjieħ. Jekk wieħed isuq it-tul kollu tat-triq fejn hemm ħitan li diġà tlestew, jinduna li kullimkien qed jinbnew ħitan tas-sejjieħ skont is-sengħa, li jikkumplimentaw il-pajsaġġ Malti.

Seduta Numru 26
21/10/2026

ENEMALTA – CABLES F'ŻONI STORIĊI U ŻONI TA' KONSERVAZZJONI URBANA

2509. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk f'żoni storiċi u żoni ta' konservazzjoni urbana, hux il-prassi li l-Enemalta tħalli cables telgħin b'dan il-mod mal-bini (ritratt anness)? Tista' tgħid ukoll x'sar mill-policy imħabbra fil-passat li f'dawn iż-żoni l-cables jitniżżlu taħt l-art?

19/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Artikolu 4(1) tal-Kapitlu 81 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi kif l-infrastruttura tas-servizzi tista' tiġi installata. Il-liġi ma timponix obbligu ġenerali li tali infrastruttura titqiegħed taħt l-art.
Ix-xogħlijiet tal-Enemalta jsiru skont il-liġijiet, ir-regolamenti u l-permessi applikabbli, fejn tali permessi jkunu meħtieġa. Il-politika tal-kumpanija tibqa' li, fejn hu teknikament possibbli u operattivament fattibbli, aktar infrastruttura elettrika titqiegħed taħt l-art, inkluż f'żoni storiċi u żoni ta' konservazzjoni urbana.
Madankollu, il-mod kif titqiegħed l-infrastruttura jiġi evalwat fuq bażi ta' każ b'każ u jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tas-sit, fosthom il-konfigurazzjoni tat-triq u tal-bini, l-ispazju disponibbli għal servizzi taħt l-art, il-preżenza ta' infrastruttura eżistenti ta' utilitajiet oħrajn, konsiderazzjonijiet ta' sigurtà u aċċessibbiltà, kif ukoll il-ħtieġa li tinżamm l-affidabbiltà u l-kontinwità tal-provvista tal-elettriku.

Seduta Numru 26
21/10/2026

IL-BELT VALLETTA - KONĠESTJONI TA' TURISTI

2526. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jittieħdu mill-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu biex titrażżan b'mod effettiv il-konġestjoni qawwija ta' turisti fiċ-ċentru tal-Belt Valletta, fejn, minħabba n-numru kbir ta' persuni u mwejjed li jitqiegħdu fit-toroq, l-aċċess għall-pubbliku sar diffiċli ħafna?

27/08/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 26
21/10/2026

TRASPORT PUBBLIKU BIL-BAĦAR

2758. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid, għal kull rotta tat-trasport pubbliku bil-baħar:
i. kemm kien hemm vjaġġi skedati u kemm minnhom saru;
ii. kemm inġarru passiġġieri;
iii. kemm ġew ikkanċellati vjaġġi u għal liema raġunijiet;
iv. x'kien il-livell ta' puntwalità;
v. kemm tħallas sussidju pubbliku; u
vi. liema konnessjonijiet ma' servizzi skedati tal-karozzi tal-linja kienu disponibbli,
minn Mejju 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bejn Mejju u Settembru 2026, is-servizzi tal-ferry bejn il-Belt Valletta u l-Kottonera, u bejn il-Belt Valletta u Tas-Sliema, kellhom 64 vjaġġ skedat kuljum kull wieħed. Is-servizz bejn Tas-Sliema, Buġibba u Għawdex kellu 26 vjaġġ skedat kuljum, filwaqt li dak bejn il-Belt Valletta u Għawdex kellu 39 vjaġġ.

Matul l-istess perjodu, is-servizz bejn il-Belt Valletta u l-Kottonera ġarr 299,129 passiġġier, dak bejn il-Belt Valletta u Tas-Sliema 489,667 passiġġier, filwaqt li s-servizzi bejn Tas-Sliema, Buġibba u Għawdex, u bejn il-Belt u Għawdex, ġarrew 462,838 u 553,114 passiġġier rispettivament.
Fir-rigward tal-operat, is-servizzi kienu regolari, bis-sospensjonijiet ikunu kważi kollha dovuti għall-kundizzjonijiet tat-temp; bl-unika eċċezzjoni tkun sospensjoni ta' sagħtejn fuq ir-rotta bejn il-Belt Valletta u l-Kottonera li kienet ir-riżultat ta' ħsara teknika.
Is-sussidju pubbliku kien ta' €926 għal kull vjaġġ bejn il-Belt Valletta u Għawdex u €726 għal kull vjaġġ bejn Tas-Sliema, Buġibba u Għawdex.
Fir-rigward tal-konnettività mat-trasport pubbliku, it-terminal ta' Ta' Liesse huwa moqdi mir-rotot 150 u 300, ikkoordinati mal-Fast Ferry, kif ukoll mir-rotta 133. It-terminal ta' Buġibba huwa moqdi mill-bus ċirkolari numru 406 u dik ta' Tas-Sliema bin-numru 410.

Seduta Numru 26
21/10/2026

TRASPORT PUBBLIKU – KAROZZI TAL-LINJA

2759. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il karozza tal-linja marbuta mas-servizz antik tat-trasport pubbliku ġiet akkwistata, riċevuta, ikkontrollata, mibjugħa jew trasferita minn Transport Malta jew minn entità pubblika oħra mill-1 ta' Jannar 2011 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' dawn il-vetturi u għal kull vettura jipprovdi:
i. in-numru tar-reġistrazzjoni u n-numru preċedenti tal-flotta;
ii. il-marka, il-mudell, ix-chassis u s-sena tal-manifattura;
iii. l-entità li rċeviet il-vettura;
iv. jekk il-vettura nżammitx, inbiegħetx, ingħatatx bħala donazzjoni, ġietx skrappjata jew esportata;
v. id-data u l-metodu tad-disponiment;
vi. il-prezz tal-bejgħ jew korrispettiv ieħor; u
vii. kwalunkwe kundizzjoni marbuta mal-bejgħ jew mat-trasferiment?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 26
21/10/2026

KAROZZI TAL-LINJA ANTIKI

2760. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid, kemm mill-karozzi tal-linja antiki marbuta mas-servizz antik tat-trasport pubbliku li ġew akkwistati, riċevuti, ikkontrollati, mibjugħin jew trasferiti minn Transport Malta jew minn entità pubblika oħra mill-1 ta' Jannar 2011 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, bħalissa huma:
i. irreġistrati f'Malta jew Għawdex;
ii. liċenzjati biex jintużaw fit-toroq pubbliċi;
iii. koperti b'liċenzja għat-trasport tal-passiġġieri jew b'Malta Heritage Bus Licence;
iv. irreġistrati bħala li ntużaw fit-toroq pubbliċi matul l-aħħar 12-il xahar;
v. użati għal sightseeing tours, eskursjonijiet, tiġijiet jew attivitajiet oħra marbuta mat-turiżmu;
vi. ippreservati biss għall-wiri;
vii. qegħdin jiġu restawrati;
viii. maħżuna iżda mhux restawrati;
ix. esportati; jew
x. skrappjati?
Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra n-numru tar-reġistrazzjoni u l-klassifikazzjoni attwali ta' kull vettura?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 26
21/10/2026

KAROZZI TAL-LINJA MIBJUGĦA JEW TRASFERITI

2761. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il karozza tal-linja li kienet tifforma parti mis-servizz antik tat-trasport pubbliku u li nbiegħet jew ġiet trasferita minn Transport Malta jew minn entità governattiva oħra mill-1 ta' Jannar 2011 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari:
i. inbiegħet bil-kundizzjoni li tiġi restawrata;
ii. inbiegħet wara dikjarazzjoni mix-xerrej li kellha tiġi restawrata;
iii. kienet intiża biex tintuża bħala attrazzjoni turistika jew ta' wirt nazzjonali; jew
iv. kienet intiża biex tintuża għal sightseeing jew għal servizzi oħra tal-passiġġieri?
Jista' wkoll jipprovdi n-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-flotta għal kull waħda minn dawn il-karozzi tal-linja, id-data tal-bejgħ, il-prezz tal-bejgħ, l-użu ddikjarat, l-istat tar-restawr u jekk bħalissa hijiex effettivament tintuża għall-iskop indikat meta nbiegħet?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 26
21/10/2026

KAROZZI TAL-LINJA TRADIZZJONALI MALTIN – REĠISTRU

2762. L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk Transport Malta żżommx, jew jekk għandhiex il-ħsieb li flimkien ma' Heritage Malta, tistabbilixxi reġistru komplut tal-karozzi tal-linja tradizzjonali Maltin li għadhom jeżistu? Jista' jgħid ukoll jekk il-Gvern għandux il-ħsieb li jgħin fir-restawr u fl-użu sigur ta' dawn il-vetturi permezz ta' skema ta' liċenzjar għall-vetturi storiċi, għotjiet finanzjarji, rotot turistiċi apposta jew mużew nazzjonali tat-trasport?

17/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-preżent m'hemmx diskussjoni dwar reġistru konġunt ma' Heritage Malta jew l-introduzzjoni ta' skemi speċifiċi għar-restawr tal-karozzi tal-linja tradizzjonali Maltin.

Seduta Numru 26
21/10/2026

GĦAWDEX - PULIZIJA, FORZI ARMATI U PROTEZZJONI ĊIVILI – ŻIEDA FL-UFFIĊJALI U MEMBRI

3168. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 458 u 1048 u jgħid jekk hemmx ħsieb li jiżdiedu l-uffiċjali tal-Pulizija, il-Membri tal-Forzi Armati u tal-Protezzjoni Ċivili f'Għawdex u jekk huwa l-każ, meta huwa ppjanat li jsir dan u kemm huwa n-numru ta' persuni/uffiċjali li se jiżdiedu, kif ukoll ir-rank tagħhom?

06/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-korpi dixxiplinati kollha minn żmien għal żmien ikun hemm ingaġġ skont il-ħtieġa.
F'kull ingaġġ dejjem nieħdu t-taqsimiet kollha in konsiderazzjoni, inkluż it-taqsimiet li jservu f'Għawdex.

Seduta Numru 26
21/10/2026

QORTI T'GĦAWDEX - KAŻIJIET TA' TRAFFIKAR TAD-DROGA

3169. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 464 u 1114 u jgħid kemm-il każ ta' traffikar ta' droga tressaq quddiem il-Qrati f'Għawdex matul is-snin 2024, 2025 u 2026, maqsuma sena b'sena, u jindika x'tip ta' sustanzi kienu involuti f'kull każ?

06/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed nippreżenta tabella li turi l-informazzjoni mitluba.

Sena	Numru ta' każi ta' pussess sempliċi ta' droga rrapurtati f'Għawdex	Numru ta' persuni mressqa l-Qorti skont data tal-Pulizija	Numru ta' persuni mressqa fit-Tribunal skont data mis-sistema LES
2024	14	Nil	3 pussess ta' kannabis
			3 pussess ta' kokaina
			4 pussess ta' eroina
2025	9	2 pussess ta' kokaina	2 pussess ta' kannabis
			2 pussess ta' kokaina
			3 fuq konsum ta' kannabis fil-pubbliku
2026 sa Settembru	8	1 Pussess ta' Kannabis	1 pussess ta' kokaina
			1 pussess ta' kannabis
			5 fuq konsum ta' kannabis fil-pubbliku

Seduta Numru 26
21/10/2026

MĠARR, GĦAWDEX - FAST FERRY - TERMINAL

3170. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid meta se jitlesta x-xogħol fit-terminal tal-Fast Ferry fl-Imġarr, Għawdex, li jservi lill-passiġġieri li jivvjaġġaw lejn il-Belt, Valletta? Jista' jgħid ukoll jekk iż-żona ta' stennija għall-passiġġieri hijiex se tkun magħluqa u mgħammra b'arja kundizzjonata?

06/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi x-xogħlijiet fit-terminal tal-Fast Ferry fl-Imġarr, Għawdex, li jservi l-passiġġieri li jivvjaġġaw lejn il-Belt Valletta, jinsabu għaddejjin u huma mistennija jitlestew sal-aħħar ta' Ottubru.
Fir-rigward tal-faċilitajiet għall-passiġġieri, iż-żona ta' stennija ġiet imfassla bħala spazju miftuħ u arjuż, li jippermetti ċirkolazzjoni naturali tal-arja.

Seduta Numru 26
21/10/2026

MĠARR, GĦAWDEX - FAST FERRY - INVESTIMENT

3171. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex ippjanat investiment fit-terminal tal-Fast Ferry fl-Imġarr, Għawdex, li jservi r-rotot lejn Buġibba u Tas-Sliema? Jekk iva, jista' jagħti dettalji dwar fiex se jikkonsisti dan l-investiment u meta hu mistenni li jibda x-xogħol?

06/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa għaddej xogħol biex itejjeb il-faċilitajiet fit-terminal tal-Fast Ferry fl-Imġarr, Għawdex, għall-passiġġieri li jużaw ir-rotta bejn Għawdex, Buġibba u Tas-Sliema, bil-għan li tkompli ttejjeb il-faċilitajiet u toffri esperjenza aktar komda u konvenjenti. Dan l-investiment se jinkludi tinda adegwata għall-kenn tal-passiġġieri, uffiċċju għall-bejgħ tal-biljetti u bankijiet għal dawk li jużaw is-servizz. Dawn it-titjibiet ser jikkontribwixxu għal terminal aktar modern, funzjonali u attrezzat għall-ħtiġijiet tal-passiġġieri, bix-xogħlijiet mistennija jitlestew sal-ewwel kwart tal-2027. Barra minn hekk, ta' min jenfasizza l-ħidma tal-Imġarr Port Task Force, li għandha rwol importanti fit-tfassil ta' pjan infrastrutturali komprensiv u viżjoni ħolistika fit-tul għall-Port tal-Imġarr.

Seduta Numru 26
21/10/2026

IR-RABAT, GĦAWDEX - MUŻEW - PROĠETT

3172. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsab il-proġett tal-Mużew fir-Rabat, Għawdex, x'xogħlijiet għad fadal isiru u meta huwa mistenni li jitlesta? Jista' jgħid ukoll x'kienet l-istima oriġinali tal-ispiża ta' dan il-proġett u kemm intefaq fuqu sal-lum?

06/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Mużew ta' Għawdex se jinfetaħ għall-pubbliku fix-xhur li ġejjin. Ix-xogħlijiet waslu fl-aħħar fażi, fejn issa qed jitlestew l-installazzjonijiet ta' vetrini li se jospitaw madwar elf artifatt u oġġetti oħra ta' valur. Dan il-mużew, li se jkun l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu mhux biss f'Għawdex iżda wkoll f'Malta, se jkollu rwol ċentrali fil-Victoria 2031.

Seduta Numru 26
21/10/2026

IR-RABAT, GĦAWDEX - MUŻEW - PROĠETT

3173. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsab il-proġett tal-Mużew fir-Rabat, Għawdex, x'xogħlijiet għad fadal isiru u meta huwa mistenni li jitlesta? Jista' jgħid ukoll x'kienet l-istima oriġinali tal-ispiża ta' dan il-proġett u kemm intefaq fuqu sal-lum?

06/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 26
21/10/2026

IL-QAWRA - SKOLA PRIMARJA - TNEĦĦIJA TA' FAĊILITAJIET

3235. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk xi faċilitajiet li kienu jiffurmaw parti mill-iskola primarja tal-Qawra kellhomx jitneħħew biex ikunu jistgħu jiżdiedu l-klassijiet f'dik l-iskola? Jekk iva, liema kienu dawn il-faċilitajiet?

07/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li sabiex l-iskola tkun tista' tilqa' għan-numru ta' studenti, matul is-snin saru diversi aġġustamenti fl-użu tal-faċilitajiet eżistenti.
Il-Ministeru jkompli jissorvelja l-ħtiġijiet tal-infrastruttura edukattiva madwar il-pajjiż. Kwalunkwe intervent jew investiment futur jiġi evalwat skont il-ħtiġijiet edukattivi, id-domanda u l-prijoritajiet stabbiliti fiż-żmien rispettiv

Seduta Numru 26
21/10/2026

SENA SKOLASTIKA 2025-2026 – SKOLA PRIMARJA TAL-QAWRA – KLASSIJIET U STUDENTI

3236. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm klassijiet u studenti fl-Iskola Primarja tal-Qawra fil-bidu tas-sena skolastika 2025-2026?

07/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li 1,034 student.

Seduta Numru 26
21/10/2026

SENA SKOLASTIKA 2024-2025 – SKOLA PRIMARJA TAL-QAWRA – KLASSIJIET U STUDENTI

3237. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm klassijiet u studenti fl-Iskola Primarja tal-Qawra fil-bidu tas-sena skolastika 2024-2025?

07/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li 980 student.

Seduta Numru 26
21/10/2026

SENA SKOLASTIKA 2023-2024 – SKOLA PRIMARJA TAL-QAWRA – KLASSIJIET U STUDENTI

3238. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm klassijiet u studenti fl-Iskola Primarja tal-Qawra fil-bidu tas-sena skolastika 2023-2024?

07/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li 877 student.

Seduta Numru 26
21/10/2026

SENA SKOLASTIKA 2022-2023 – SKOLA PRIMARJA TAL-QAWRA – KLASSIJIET U STUDENTI

3239. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm klassijiet u studenti fl-Iskola Primarja tal-Qawra fil-bidu tas-sena skolastika 2022-2023?

07/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li 824 student.

Seduta Numru 26
21/10/2026

SENA SKOLASTIKA 2021-2022 – SKOLA PRIMARJA TAL-QAWRA – KLASSIJIET U STUDENTI

3240. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm klassijiet u studenti fl-Iskola Primarja tal-Qawra fil-bidu tas-sena skolastika 2021-2022?

07/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li 737 student.

Seduta Numru 26
21/10/2026

UNIFORMIJIET - TENDER

3292. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid sa kemm huwa validu t-tender tal-uniformijiet preżenti?

07/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

BIOMEDICAL SCIENTISTS - UNIFORMI

3293. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx pjan biex il-ħaddiema tal-laboratorji (biomedical scientists) ikollhom uniformi?

07/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li iva, huwa ppjanat li l-Biomedical Scientists jiġu provduti b'uniformi fil-futur.

Seduta Numru 26
21/10/2026

KAŻIJIET TA' MOLES

3294. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm każijiet ta' għazz (moles) li tneħħew minħabba li kien hemm riskju ta' kanċer, kemm minnhom kienu kanċer u kemm minnhom kienu severely dysplastic?

07/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

RIFERTI GĦAL MOLE MAPPING

3295. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm riferti għal mole mapping f'dawn l-aħħar ħames snin u x'kien il-perjodu ta' stennija, maqsuma sena b'sena?

07/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

SKEJJEL TAL-ISTAT – GUIDANCE TEACHERS – POSTIJIET VAKANTI

3330. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm guidance teachers neqsin jew postijiet vakanti fl-iskejjel tal-Istat sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

08/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li s-servizz tal-guidance meħtieġ qed jingħata fl-iskejjel kollha bl-għalliema tal-guidance u bis-servizz tal-Blossom li jingħata mill-professjonisti.

Seduta Numru 26
21/10/2026

STUDENTI INTERNAZZJONALI – KOMPETENZA FIL-LINGWA MALTIJA – EVALWAZZJONI

3331. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk saritx evalwazzjoni dwar il-livell tal-kompetenza fil-lingwa Maltija fost l-istudenti barranin fl-iskejjel tal-Istat, u jekk iva, jista' jgħid kemm studenti ħadu sehem f'din l-evalwazzjoni u x'kienu r-riżultati miksuba?

08/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li l-istudenti barranin fl-iskejjel tal-Istat jiġu assessjati skont il-ħtiġijiet tagħhom u jingħataw is-sapport meħtieġ sabiex ikomplu jiżviluppaw il-kompetenzi lingwistiċi tagħhom. Dan anke permezz tal-International Learners Directorate. Dan il-proċess isir permezz ta' diversi forom ta' assessjar u monitoraġġ matul is-sena skolastika, kemm fil-livell primarju kif ukoll f'dak sekondarju.

Seduta Numru 26
21/10/2026

PROGRAMMI TAT-TAGĦLIM TAL-MALTI

3332. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-programmi tat-tagħlim tal-Malti humiex adattati għal studenti li m'għandhomx il-Malti bħala l-ewwel lingwa?

08/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li studenti li m'għandhomx il-Malti bħala l-ewwel lingwa, hemm il-programmi tat-tagħlim apposta tal-Malti bħala lingwa barranija.

Seduta Numru 26
21/10/2026

STUDENTI INTERNAZZJONALI – LEZZJONIJIET TAL-MALTI FLIMKIEN MA' STUDENTI MALTIN

3333. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm skejjel li bħalissa qed jgħallmu studenti Maltin u studenti internazzjonali tal-istess livell fl-istess klassijiet tal-Malti?

08/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li l-iskejjel tal-istat għandhom l-obbligu li joffru kull tagħlim neċessarju inkluż il-lingwa Maltija.

Seduta Numru 26
21/10/2026

STUDENTI INTERNAZZJONALI – LEZZJONIJIET TAL-MALTI FLIMKIEN MA' STUDENTI MALTIN

3334. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti barranin li bħalissa qed jattendu l-istess lezzjonijiet tal-Malti ma' studenti Maltin?

08/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 3333.

Seduta Numru 26
21/10/2026

STUDENTI LI MA JAFUX IL-MALTI – MIŻURI TA' APPOĠĠ GĦAT-TAGĦLIM

3335. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jittieħdu biex studenti li ma jafux il-Malti sew jingħataw l-appoġġ meħtieġ biex jitgħallmu l-lingwa Maltija?

08/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li studenti li jaslu Malta u ma jkunux kapaċi jikkomunikaw la bil-Malti u lanqas bl-Ingliż jattendu programm ta' Induction. Dawk l-istudenti li jkunu kapaċi jikkomunikaw b'waħda miż-żewġ lingwi uffiċjali imorru fil-Mainstream u jieħdu sapport addizzjonali fil-lingwa l-oħra. Dan is-sapport jissejjaħ pull-out. Infurmat li L-International Learners' Directorate (ILD) jorganizza wkoll il-Language to Go, li huwa programm li jsir fis-sajf biex l-istudenti jiksbu aktar ħiliet fil-lingwa komunikattiva (Malti u Ingliż). Dan il-programm jibbenefikaw minnu l-istudenti internazzjonali.

Seduta Numru 26
21/10/2026

ĦAŻ-ŻEBBUĠ – TRIQ IT-TWILA – ILMENTI DWAR DUĦĦAN EĊĊESSIV

3423. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk daħlux ilmenti relatati mas-saħħa pubblika u sanità rigward duħħan eċċessiv li joħroġ minn ċumniji fiż-żona ta' Triq it-Twila f'Ħaż-Żebbuġ? Jista' jgħid ukoll x'miżuri ttieħdu?

13/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li, wara li d-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali rċieva xi lmenti rigward emissjonijiet minn forn li jinsab fi Triq it-Twila, Ħaż-Żebbuġ, saru diversi spezzjonijiet minn uffiċjali tad-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali.
Matul dawn l-ispezzjonijiet ma ġew osservati ebda rregolaritajiet fir-rigward tal-liġijiet u r-regolamenti sanitarji applikabbli. Konsegwentement, ma setgħet tittieħed ebda azzjoni ta' infurzar minn dan id-Direttorat.
Fid-dawl tan-natura tal-ilmenti u r-riżultat tal-ispezzjonijiet li saru, il-każ ġie riferut lill-Pulizija sabiex tieħu kwalunkwe azzjoni ulterjuri jew twettaq l-investigazzjonijiet li tqis meħtieġa min-naħa tagħha.

Seduta Numru 26
21/10/2026

POYC – MEDIĊINA AMLODIPINE

3486. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-mediċina Amlodipine, li tingħata permezz tal-Programm tal-Gvern għall-Mediċini (POYC), kinitx out of stock għal perjodu ta' seba' ġimgħat matul is-sena 2026? Jekk iva, jista' jindika matul liema perjodu seħħet din in-nuqqas ta' disponibbiltà, x'kienet ir-raġuni għaliha u jekk il-pazjenti ngħatawx mediċini alternattivi?

13/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li l-mediċini Amlodipine 5mg u 10mg qatt ma kienu out of stock mill-POYC fl-2026.

Seduta Numru 26
21/10/2026

POYC – MEDIĊINA PERINDOPRIL

3487. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-mediċina Perindopril, li tingħata permezz tal-Programm tal-Gvern għall-Mediċini (POYC), kinitx out of stock għal perjodu ta' seba' ġimgħat matul is-sena 2026? Jekk iva, jista' jindika matul liema perjodu seħħet din in-nuqqas ta' disponibbiltà, x'kienet ir-raġuni għaliha u jekk il-pazjenti ngħatawx mediċini alternattivi?

13/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li l-mediċina Perindopril 4mg qatt ma kienet out of stock mill-POYC fl-2026.

Seduta Numru 26
21/10/2026

POYC – MEDIĊINA INSULIN ASPART

3488. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-mediċina Insulin Aspart, li tingħata permezz tal-Programm tal-Gvern għall-Mediċini (POYC), kinitx indisponibbli għal perjodu ta' mill-inqas erba' ġimgħat matul is-sena 2026? Jekk iva, jista' jindika matul liema perjodu seħħet din in-nuqqas ta' disponibbiltà, x'kienet ir-raġuni għaliha u jekk ġewx ipprovduti mediċini alternattivi lill-pazjenti affettwati, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fit-trattament tagħhom?

13/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li l-Insulina Aspart qatt ma kienet out of stock mill-POYC fl-2026.

Seduta Numru 26
21/10/2026

KM MALTA AIRLINES – KONTIJIET FINANZJARJI AWDITJATI

3489. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kontijiet finanzjarji awditjati ta' KM Malta Airlines, li twaqqfet fl-2023, ġewx approvati mill-Bord tad-Diretturi u ppreżentati lill-Malta Business Registry, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jekk le, jista' jispjega r-raġunijiet għal dan id-dewmien, jindika jekk ingħatawx estensjonijiet addizzjonali u jagħti data sa meta dawn il-kontijiet huma mistennija li jiġu ppreżentati u ppubblikati?

13/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 26
21/10/2026

KM MALTA AIRLINES – SERVIZZI TA' KONSULENZA PROFESSJONALI

3490. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefqet KM Malta Airlines fuq servizzi ta' konsulenza professjonali mill-bidu tagħha sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' wkoll:
i. jipprovdi l-isem tal-konsulenti jew tad-ditti li ngħataw dawn il-kuntratti;
ii. jipprovdi l-ammont imħallas lil kull wieħed minnhom;
iii. jgħid is-servizzi li għalihom ġew ingaġġati; u
iv. jgħid jekk dawn is-servizzi ngħatawx permezz ta' sejħa għall-offerti, proċess kompetittiv jew b'għotja diretta?

13/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 26
21/10/2026

IS-SWIEQI, SAN ĠILJAN U TAS-SLIEMA – RAPPORTI RELATATI MA' STORBJU, DIŻORDNI U MĠIBA ANTISOĊJALI

3491. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1751 u 2003 u jgħid kemm ġew irrappurtati każijiet relatati ma' storbju eċċessiv, imġiba antisoċjali, ġlied jew diżordni fiż-żoni residenzjali tas-Swieqi, San Ġiljan u Tas-Sliema matul l-2024, l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn ir-rapporti wasslu għal prosekuzzjonijiet jew għal xi forma ta' azzjoni legali?

14/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat illi t-tabelli hawn taħt juru każi ta' ksur ta' bon ordni u paċi pubblika li ġew irrappurtati mal-Pulizija u rreġistrati fin-National Police System, f'San Ġiljan, is-Swieqi u tas-Sliema matul l-2024, l-2025 u sa l-15 ta' Settembru 2026. Dawn il-figuri ma jinkludux ilmenti li jsiru mill-pubbliku lill-Pulizija waqt ir-rondi tagħhom, telefonati dirett lilhom jew tramite messaġġi fuq WhatsApp jew mezzi oħra fejn il-pulizija tintervjeni mill-ewwel fuq tali ilment.

Ksur ta' paċi u ordni pubblika San Ġiljan fis-snin 2024, 2025 and 2026 sa 15/09/2026 irreġistrati fin-NPS

	2024	2025	2026
San Ġiljan	34	58	37
Swieqi	7	22	23
Sliema	32	17	21

Kontravenzjonijiet taħt il-Kodiċi Kriminali, Kap. 9, tal-Liġijiet ta' Malta, maħruġa mill-Pulizija mill-ewwel ta' Jannar, 2024 sas-15 ta' Settembru f' San Ġiljan, Sliema u Swieqi. (tinkludi persuni mhux residenti f'Malta)

	2024	2025	2026
San Ġiljan	3	22	302
Sliema	3	4	122
Swieqi	14	3	351

Seduta Numru 26
21/10/2026

ĦAL QORMI – TRIQ SAN BASTJAN – XOGĦLIJIET

3515. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta ser isiru x-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq San Bastjan, Ħal Qormi, liema xogħlijiet kienu diġà ppjanati li jsiru fix-xhur li għaddew?

14/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa Infrastructure Malta għaddejja b'diskussjonijiet mal-Enemalta rigward it-tisħiħ fid-distribution network f'Ħal Qormi, li abbażi tagħhom ser ikun hemm pjan ħolistiku ta' xogħlijiet f'Ħal Qormi.

Seduta Numru 26
21/10/2026

MARSASKALA – TAL-FAJTATA – PARKEĠĠ – XOGĦLIJIET

3516. L-ONOR. JULIAN BORG staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 983 dwar ix-xogħol imwettaq minn Infrastructure Malta fil-parkeġġ tal-Fajtata, f'Marsaskala fejn intqal li "fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ u tal-proċessi li għadhom għaddejjin, ma jkunx xieraq, li f'dan l-istadju, tiġi preġudikata l-pożizzjoni legali tal-Aġenzija dwar il-materja inkwistjoni" u tat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1449 fejn intqal li "fuq l-art inkwistjoni ma sar l-ebda espropju", jista' l-Ministru jagħti aġġornamenti fuq il-proċeduri legali msemmija?

14/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

TCNS - PERMESSI ĠODDA TA' RESIDENZA

3517. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3300 u jgħid kemm inħarġu permessi ġodda ta' residenza lil ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs) matul is-sena 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll minn liema pajjiżi huma dawn l-individwi u kemm inħarġu permessi ġodda ta' residenza lil ċittadini ta' kull pajjiż?

14/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

PBS - IMPJEGATI LI GĦANDHOM RWOL MAL-GVERN

3518. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3299 u jgħid jekk hemmx impjegati tal-PBS, kif ukoll preżentaturi jew produtturi ta' programmi ta' ġrajjiet kurrenti mxandra fuq il-PBS, li fl-istess waqt jokkupaw xi kariga jew rwol mal-Gvern, ma' Ministeru jew Segretarjat Parlamentari, jew ma' xi bord, kumitat, entità jew aġenzija tal-Gvern, inkluż bħala persons of trust, konsulenti jew advisors? Jekk iva, jista' jagħti lista ta' dawn il-persuni, l-irwol tagħhom mal-PBS jew fil-programm rispettiv, u r-rwol jew il-kariga l-oħra li għandhom mal-Gvern jew ma' entità pubblika?

14/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Din il-materja hija soġġetta għal proċeduri kostituzzjonali li l-Partit Nazzjonalista għażel li jiftaħ kontra l-ħaddiema tal-PBS u l-Awtorità tax-Xandir, li fihom l-istess Onor. Interpellant qiegħed jaġixxi bħala wieħed mill-avukati tal-parti rikorrenti, u għalhekk għandu interess professjonali marbut mal-interpellanza.
Kif jistgħu jixhdu l-udjenzi tax-Xandir Nazzjonali, nirrimarka li l-iskeda tal-PBS hija waħda varjata u tinkludi programmi ta' ġeneri differenti, li jkunu saħansitra prodotti minn terzi. Għaldaqstant, l-informazzjoni mitluba mhijiex limitata għall-impjegati tal-PBS biss, iżda testendi wkoll għal preżentaturi u produtturi esterni, li jistgħu jkunu jaħdmu jew jipproduċu produzzjonijiet ma' media houses varji, inkluż tal-Partit Nazzjonalista, u jkollhom impenji professjonali oħra.
L-informazzjoni kif mitluba jkun għalhekk jeħtieġ eżerċizzju ta' verifika individwali dwar il-karigi, ir-rwoli jew l-impjiegi l-oħra ta' dawn il-persuni, inklużi dawk li mhumiex impjegati tal-PBS.
Il-Gvern ma jaqbilx mal-istrateġija li qed taddotta l-Oppożizzjoni kontra professjonisti serji u ta' fehmiet politiċi differenti, li qed jaqdu dmirhom fit-twassil ta' informazzjoni bl-aktar mod serju.

Seduta Numru 26
21/10/2026

L.S. 350.14 - PBS - INFURZAR

3519. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1122, 1621 u 3298 u jgħid min fil-PBS hu responsabbli li jinforza u/jew li jiġu infurzati sezzjonijiet 18 u 19 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.14, "Ħtiġiet dwar standards u prattika li japplikaw għal bulettini tal-aħbarijiet u l-programmi ta' ġrajjiet kurrenti"?

14/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Liġi Sussidjarja hija ċara.

Seduta Numru 26
21/10/2026

PBS - BULETTINI TAL-AĦBARIJIET - SOUND ON TAPE

3520. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3297 u jgħid kemm kien hemm 'sound on tape' ta' politiċi tal-Gvern fil-bulettini tal-aħbarijiet tal-PBS u kemm kien hemm 'sound on tape' ta' politiċi tal-Oppożizzjoni f'Ġunju 2026, Lulju 2026, Awwissu 2026 u Settembru 2026? Jista' jgħid ukoll min kienu dawn il-politiċi u f'liema dati xxandru?

14/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-bulettini tal-aħbarijiet tal-PBS għall-perjodi ċitati diġà xxandru, għaldaqstant huwa materjal awdjoviżiv fid-dominju pubbliku.

Madankollu, sabiex jiffaċilita l-aċċess għal din l-informazzjoni, kif mitluba mill-Onor. Interpellant, il-Ministeru qiegħed jagħmel kopja tal-bulettini tal-aħbarijiet fuq hard disk li se tkun disponibbli għall-Onor. Interpellant.

Seduta Numru 26
21/10/2026

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – INFIQ FUQ REKLAMAR

3533. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex, flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.
Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.
Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 26
21/10/2026

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT – INFIQ FUQ REKLAMAR

3534. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Edukazzjoni u Sport, flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.
Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.
Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 26
21/10/2026

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – INFIQ FUQ REKLAMAR

3535. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tagħha u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tagħha, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' wkoll tipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li tispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor, Interpellant li l-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.
Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.
Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 26
21/10/2026

MINISTERU GĦALL-FINANZI – INFIQ FUQ REKLAMAR

3536. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Finanzi, flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.

Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra.

Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 26
21/10/2026

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – INFIQ FUQ REKLAMAR

3537. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.
Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra. Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 26
21/10/2026

MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, L-IPPJANAR U X-XOGĦOL – INFIQ FUQ REKLAMAR

3538. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-infiq fuq reklamar, marketing u relazzjonijiet pubbliċi mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità taħt ir-responsabbiltà tiegħu, separatament għas-sena 2025 u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi l-informazzjoni f'tabella li tindika, għal kull nefqa, l-entità li għamlitha, l-isem tal-fornitur, il-kampanja jew is-servizz, it-tip ta' mezz użat, id-data jew il-perjodu tas-servizz, il-metodu ta' akkwist u l-ammont, filwaqt li jispeċifika jekk dan jinkludix il-VAT?

14/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, flimkien mad-dipartimenti, l-aġenziji, l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu r-responsabbiltà u l-obbligu li jżomm lill-pubbliku infurmat dwar is-servizzi, il-proġetti u l-inizjattivi tal-Gvern, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.

Għal dan il-għan, fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern hemm provvediment taħt il-Vot 29, Information Services, li jinkludi allokazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi, kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni, u materjal ieħor ta' komunikazzjoni permezz ta' diversi mezzi. Dawn l-estimi huma diġà ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra. Fir-rigward tar-rendikont dettaljat mitlub, għandu jiġi ċċarat li l-ġbir, il-verifika u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni għal kull nefqa, minn kull dipartiment, aġenzija, awtorità u entità, skont il-kategoriji u l-perjodi indikati fl-interpellanza, jirrikjedu eżerċizzju amministrattiv estensiv u l-użu ta' riżorsi sostanzjali. Dan l-eżerċizzju jkun jinvolvi ħin u riżorsi li għandhom jiġu bbilanċjati mal-ħtieġa li l-amministrazzjoni tkompli twettaq il-funzjonijiet u s-servizzi tagħha b'mod effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Seduta Numru 26
21/10/2026

DJAR TAL-ANZJANI – LISTA TA' STENNIJA

3576. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi l-lista ta' stennija biex persuna tidħol f'dar tal-anzjani fil-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

15/10/2026

ONOR. IAN BORG: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1518.

Seduta Numru 26
21/10/2026

IMWIET TA' BHEJJEM F'IRZIEZET

3579. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irreġistrati mwiet ta' bhejjem f'irziezet f'Malta u Għawdex minn Ġunju sa Settembru 2026, maqsuma xahar b'xahar? Jista' wkoll jagħti rendikont separat skont it-tip ta' annimal, inkluži baqar, fniek, nagħaġ, mogħoż, ħnieżer, tjur u bhejjem oħra, filwaqt li jindika kemm minn dawn l-imwiet ġew attribwiti għal temperaturi għoljin jew stress ikkawżat mis-sħana?

15/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' mwiet ta' bhejjem f'irziezet f'Malta u Għawdex minn Ġunju sa Settembru 2026 skont in-National Livestock Database (NLD) huwa indikat fit-tabella segwenti.

Tip ta' Annimali	**Ġunju**	**Lulju**	**Awwissu**	**Settembru**
Bovini	99	100	151	83
Ovini	126	119	202	154
Caprini	65	40	44	45
Tiġieġ	385	0	250	24
Majjali	187	89	122	80
Total	**862**	**348**	**769**	**386**

Din it-tabella tagħti rendikont ta' kemm mietu annimali, maqsuma xahar b'xahar. L-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel ma jkollhiex informazzjoni dwar il-kawża tal-mewt, iżda tiġi infurmata biss jekk l-ammonti ta' mwiet ikunu ta' perċentwal iktar minn normal minħabba kawża ta' xi mard jew temperaturi estremi.

Fir-rigward tal-fniek, dawn ma jkunux notifikati bħal annimali oħra, u għalhekk tali informazzjoni mhix disponibbli.

Seduta Numru 26
21/10/2026

IMWIET TA' BHEJJEM MINĦABBA S-SĦANA – INVESTIGAZZJONIJIET

3580. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarux investigazzjonijiet jew valutazzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti dwar imwiet ta' bhejjem li setgħu kienu relatati mat-temperaturi għoljin matul ix-xhur ta' Ġunju sa Settembru 2026? Jista' jgħid ukoll x'kienu s-sejbiet ta' dawn l-investigazzjonijiet, jekk saru, u jekk ġewx identifikati xi kategoriji ta' bhejjem jew tipi ta' rziezet li huma partikolarment vulnerabbli għall-istress mis-sħana?

15/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

IMWIET TAL-BHEJJEM WAQT MEWĠIET TA' SĦANA – MIŻURI

3581. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri konkreti qed jieħu jew qed jippjana l-Gvern biex jipproteġi l-bhejjem f'Malta u Għawdex minn temperaturi estremi u mewġiet ta' sħana, partikolarment matul ix-xhur tas-sajf? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx skemi ta' għajnuna finanzjarja jew teknika għall-bdiewa u r-raħħala sabiex jinvestu f'sistemi ta' ventilazzjoni, tkessiħ, dell u provvista adegwata tal-ilma, bil-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' mwiet fost il-bhejjem?

15/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-responsabbiltà għall-protezzjoni u l-benesseri tal-annimali miżmuma fl-irziezet, inkluż it-teħid tal-miżuri meħtieġa sabiex jiġu protetti mit-temperaturi estremi u l-effetti tagħhom fuq saħħithom, taqa' fuq min iżomm dawn l-annimali.

Madankollu, il-Gvern qed jassisti lil dawk li jrabbu l-annimali permezz ta' miżuri ta' prevenzjoni, gwida u konsulenza teknika, kif ukoll billi jiffaċilita l-ippjanar u jappoġġja investimenti mmirati lejn it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-annimali u t-tisħiħ tar-reżiljenza tal-irziezet għall-effetti tat-tibdil fil-klima.

Permezz tas-servizzi ta' konsulenza agrikola, il-bdiewa jistgħu jingħataw pariri mfassla għall-kundizzjonijiet partikolari tal-azjenda tagħhom, fosthom fir-rigward tal-akkomodazzjoni tal-annimali, il-ventilazzjoni u t-tkessiħ, il-provvista tal-ilma, in-nutrizzjoni, il-bijosigurtà u l-ġestjoni ġenerali. Il-linji gwida dwar it-tfassil ta' programmi ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali jipprevedu wkoll li l-pjanijiet tal-azjendi jikkunsidraw miżuri ta' emerġenza relatati mal-għalf u l-ilma f'kundizzjonijiet bħal nixfa u temperaturi estremi.

B'mod komplementari, l-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) jipprovdu għajnuna finanzjarja għal investimenti produttivi fl-azjendi agrikoli, inkluż xiri ta' makkinarju u tagħmir ġdid u titjib fl-infrastruttura. F'dan il-qafas, jistgħu jiġu appoġġjati investimenti bħal sistemi ta' ventilazzjoni u tkessiħ, dell għall-akkomodazzjoni tal-bhejjem u sistemi li jassiguraw provvista adegwata tal-ilma, dejjem suġġett għall-kundizzjonijiet ta' eliġibilità tal-iskemi u għall-valutazzjoni tal-investiment propost.

B'hekk, l-approċċ lejn temperaturi estremi huwa mmirat lejn prevenzjoni u adattament aktar fit-tul, permezz ta' konsulenza, monitoraġġ, ippjanar u investimenti li jgħinu lill-azjendi jsaħħu r-reżiljenza tagħhom filwaqt li jħarsu l-benesseri tal-annimali.

Seduta Numru 26
21/10/2026

PERSUNI LI MIETU B'HEATSTROKES FL-2023, 2024, 2025 U 2026

3582. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3182 u jgħid f'Malta u f'Għawdex, separatament, matul ix-xhur ta' Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru tas-snin 2023, 2024, 2025 u 2026, kemm ġew irreġistrati mwiet li fihom minħabba l-esponiment għal sħana naturali eċċessiva, heatstroke, sunstroke, ipertermija jew kundizzjoni oħra relatata mas-sħana kienu rreġistrati bħala:
(a) il-kawża prinċipali tal-mewt; jew
(b) kawża sekondarja, kontributorja jew fattur li kkontribwixxa għall-mewt?
Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont ix-xahar, separatament għal Malta u Għawdex, is-sess, gruppi ta' età 0–64, 65–74, 75–84 u 85 sena jew aktar?

Jista' jgħid ukoll, għall-istess perjodi, kemm kienu:
(a) l-imwiet osservati minn kull kawża;
(b) l-imwiet mistennija skont il-baseline użat mill-awtoritajiet;
(c) l-excess all-cause mortality waqt perjodi ta' temperaturi estremi u heatwaves; u
(d) l-għadd stmat ta' mwiet attribwibbli għal temperaturi għoljin, inklużi mwiet li fihom is-sħana ma ġietx imniżżla fuq iċ-ċertifikat tal-mewt iżda setgħet wasslet għall-aggravament ta' kundizzjoni eżistenti, fosthom mard kardjovaskulari, ċerebrovaskulari, respiratorju jew renali, id-dijabete u kundizzjonijiet relatati mas-saħħa mentali?
Jista' jipprovdi dawn l-istimi bħala għadd ta' mwiet u bħala rata għal kull 100,000 persuna, flimkien mal-intervalli ta' kunfidenza jew miżura oħra tal-inċertezza statistika? Fejn id-data għall-2026 għadha mhix finalizzata, jista' jipprovdi l-aħħar data proviżorja disponibbli, jindika d-data sa meta tkopri u jgħid meta mistennija tkun disponibbli d-data finali?

15/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

KRITERJI KLINIĊI UŻATI GĦALL-IMWIET BI SĦANA EĊĊESSIVA

3583. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3183 u jgħid liema definizzjoni, kriterji kliniċi, kriterji epidemjoloġiċi u metodoloġija jintużaw mill-awtoritajiet tas-saħħa sabiex mewta tiġi identifikata u kklassifikata bħala relatata mas-sħana eċċessiva?
Jista' jispeċifika:

(a) liema kodiċijiet tal-ICD-10 jintużaw, inklużi X30 u T67 u s-sottokategoriji tagħhom;
(b) jekk jiġux eżaminati kemm il-kawża prinċipali kif ukoll il-kawżi sekondarji jew kontributorji fuq iċ-ċertifikat tal-mewt;
(c) jekk jitqisux ir-rekords mediċi u tal-isptar, iċ-ċirkostanzi tal-esponiment u d-data meteoroloġika;
(d) kif jiġu identifikati każijiet fejn is-sħana aggravat kundizzjoni kronika jew kundizzjoni eżistenti; u
(e) jekk il-metodoloġija hijiex konformi mal-linji gwida tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa u mal-prattika Ewropea rikonoxxuta?

15/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

EXCESS MORTALITY U TEMPERATURE ATTRIBUTABLE MORTALITY

3584. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3184 u jgħid jekk il-Gvern jikkalkulax l-excess mortality u t-temperature-attributable mortality waqt temperaturi estremi u heatwaves u, jekk iva, jispeċifika:
(a) is-snin u l-perjodu użati sabiex jiġi stabbilit il-baseline tal-imwiet mistennija;
(b) jekk il-baseline jiġix aġġustat għat-tkabbir u t-tixjiħ tal-popolazzjoni, ix-xejriet fit-tul u l-varjazzjoni staġjonali;
(c) liema kejl tat-temperatura jintuża u jekk jiġux ikkunsidrati l-umdità, it-temperaturi minimi ta' billejl, it-tul u l-intensità tal-heatwave;
(d) jekk jiġux ikkunsidrati l-effetti differiti tas-sħana fuq il-mortalità fil-jiem ta' wara;
(e) jekk l-analiżi tiġix aġġustata għal fatturi oħra, fosthom it-tniġġis tal-arja u l-prevalenza ta' mard infettiv; u
(f) liema definizzjoni operattiva ta' heatwave tintuża mill-awtoritajiet tas-saħħa f'Malta?

Jista' jidentifika d-dati tal-heatwaves jew tal-livelli ta' twissija tas-saħħa relatati mas-sħana bejn Ġunju u Settembru tas-snin 2023, 2024, 2025 u 2026? Jekk il-Gvern ma jikkalkulax l-excess mortality jew it-temperature-attributable mortality, jista' jgħid għaliex dawn l-istimi ma jsirux u jekk hemmx il-ħsieb li tiġi stabbilita sistema nazzjonali ta' monitoraġġ tal-mard u tal-mortalità attribwibbli għas-sħana?

15/10/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

L.S. 350.14 – PBS – INFURZAR

3588. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1121, 1620 u 3358 u jgħid jekk matul l-aħħar sena, kienx hemm xi każ fejn il-PBS inforza jew ipprova jinforza l-artikolu 18 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.14, "Ħtiġiet dwar standards u prattika li japplikaw għal bulettini tal-aħbarijiet u l-programmi ta' ġrajjiet kurrenti"? Jista' jgħid ukoll x'passi ttieħdu f'kull każ?

15/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 26
21/10/2026

SANTA VENERA – RATA TA' KRIMINALITÀ

3612. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jipprovdi l-aħħar statistika marbuta mar-rata ta' kriminalità f'Santa Venera u jgħid x'qed isir abbażi tad-data li tinkiseb sabiex tissaħħaħ is-sigurtà?

16/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra

Seduta Numru 26
21/10/2026

B'KARA – RATA TA' KRIMINALITÀ

3613. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jipprovdi l-aħħar statistika marbuta mar-rata ta' kriminalità f'B'kara u jgħid x'qed isir abbażi tad-data li tinkiseb sabiex tissaħħaħ is-sigurtà?

16/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: It-tweġiba tingħata f'seduta oħra

Seduta Numru 26
21/10/2026

DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI – INVESTIMENT

3614. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jikkwantifika l-ammont ta' investiment f'inġenji, f'apparat u fl-infrastruttura fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

16/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-2022 'il hawn, l-investiment totali fi ħdan id- Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili f'inġenji, f'apparat u fl-infrastruttura tammonta għal €21 miljun.

Seduta Numru 26
21/10/2026

FORZI ARMATI TA' MALTA – INVESTIMENT

3615. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jikkwantifika l-ammont ta' investiment f'inġenji, f'apparat, f'munizzjon u fl-infrastruttura fil-Forzi Armati ta' Malta, mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

16/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-2022 'il hawn, l-investiment totali fil-Forzi Armati ta' Malta f'inġenji, apparat, munizzjon u infrastruttura ammonta għal €76 miljun, li minnhom €7.5 miljun intefqu matul is-sena 2026, sal-aħħar ta' Settembru

Seduta Numru 26
21/10/2026

SKEMA TA' SELF SOĊJALI - MEDJA U MEDJAN

3622. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3215 u jgħid, għal kull sena mill-2022 sal-2025 u għall-2026 sal-aħħar data disponibbli, għall-każijiet konklużi taħt l-Iskema tas-Self Soċjali, x'kienu l-medja u l-medjan tal-prezz tal-proprjetà, tal-ammont tas-self, u tas-sussidju ta' kull xahar approvat?

16/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

SKEMA TA' QSIM TA' EKWITÀ - MEDJA U MEDJAN

3623. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3213 u jipprovdi, f'tabella separata għal kull sena mill-2022 sal-2025 u għall-2026 sal-aħħar data disponibbli, għall-każijiet konklużi taħt l-Iskema ta' Qsim ta' Ekwità, il-medja u l-medjan tal-prezz tal-proprjetà, tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Awtorità u tal-perċentwal tas-sehem tagħha?

16/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

SKEMA TAL-10% DEPOŻITU - ŻMIEN TA' STENNIJA

3624. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3211 u jgħid kemm kienet il-medja taż-żmien bejn applikazzjoni kompluta u d-deċiżjoni tal-Awtorità tad-Djar, u bejn dik id-deċiżjoni u l-kuntratt finali għall-iskema tal-10% Depożitu għal kull sena mill-2022 sal-2025 u għall-2026 sal-aħħar data disponibbli? Jekk xi informazzjoni ma tinżammx mill-Awtorità, jista' jgħid jekk tinżammx mill-banek parteċipanti?

16/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

AWTORITÀ TAD-DJAR

3625. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3208 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar statistiċi mill-Awtorità tad-Djar u/jew minn entità oħra għas-snin 2023, 2024, 2025 u 2026 (sal-aħħar ta' Settembru) dwar l-applikanti u l-benefiċjarji tal-iskema tal-10% Depożitu, l-Iskema ta' Qsim ta' Ekwità, l-Iskema tas-Self Soċjali u l-Għotja għax-Xiri ta' Residenza rigward l-età, il-kompożizzjoni tal-familja, id-dħul, l-assi, il-prezz u l-karatteristiċi tal-proprjetà, id-depożitu, l-ammont u t-terminu tas-self, il-pagament ta' kull xahar, u għajnuniet oħra riċevuti? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm benefiċjarji ta' aktar minn skema waħda?

16/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

RAPPORTI U DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI TAL-GVERN

3626. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3207 u jgħid f'liema rapporti jew dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Gvern jiġu rreġistrati l-istimi tal-obbligazzjonijiet relatati ma' kumpens li għadu ma tħallasx għal artijiet u proprjetajiet meħuda għal skopijiet pubbliċi jew soċjali u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar rendikont disponibbli, bid-data ta' referenza tiegħu, li juri separatament il-kumpens totali determinat u/jew maqbul iżda mhux imħallas, l-istima totali min-naħa tal-Gvern tal-kumpens li għadu jrid jiġi determinat, u l-imgħax totali dovut?

16/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 26
21/10/2026

CREATIVE ART SPACES – INVESTIMENT TOTALI

3636. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-investiment totali tal-Gvern fil-programm 'Creative Art Spaces' imħabbar fil-Baġit 2026? Jista' jgħid ukoll kemm ġew identifikati spazji u kemm minnhom qegħdin jintużaw attwalment minn artisti jew organizzazzjonijiet kulturali?

16/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 26
21/10/2026

PROJECT GREEN – PARK L-INĦAWI – XOGĦLIJIET

3728. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-proġett ta' Park l-Inħawi li qed jitwettaq minn Project Green, u tindika meta hu mistenni li jitlesta dan il-proġett? Tista' tgħid ukoll fiex waslu x-xogħlijiet relatati mal-parking ħdejn il-ground, x'inhi r-raġuni għad-dewmien fix-xogħlijiet u meta hu mistenni li dan il-parking jitlesta?

16/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fl-ispazju miftuħ ta' Park l-Inħawi fil-Fgura jinsabu għaddejjin f'partijiet differenti li jgħaqqdu mal-Park tal-Familja ta' San Klement f'Ħaż-Żabbar. Dawn jinkludu l-iżvilupp ta' spazju apposta għat-tfal, mgħammar b'faċilitajiet moderni, siguri u adattati għal etajiet differenti, bil-għan li jinkoraġġixxu l-logħob fil-beraħ, l-attività fiżika u l-interazzjoni soċjali fost it-tfal. Il-proġett jinkludi wkoll żona għall-pikniks fejn il-familji u l-individwi jkunu jistgħu jqattgħu ħin ta' kwalità flimkien, jirrilassaw u jgawdu l-ambjent naturali.
Huwa previst li l-ewwel fażi tal-proġett titlesta lejn l-ewwel nofs tas-sena d-dieħla. Waqt ix-xogħlijiet instabu fdalijiet arkeoloġiċi u għalhekk Project Green talbet l-għajnuna tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali. Is-Sovrintendenza pprovdiet linji gwida li Project Green imxiet magħhom, inkluż rakkomandazzjonijiet li wasslu għal bidliet fid-disinn.
Fir-rigward taż-żona li tinkludi l-grawnd tal-futbol u l-parkeġġ relatat, ukoll kien meħtieġ reviżjoni tad-disinn oriġinali minħabba restrizzjonijiet fuq l-iskavar relatati ma' fdalijiet arkeoloġiċi. Bħalissa għaddejja koordinazzjoni mal-awtoritajiet konċernati, inkluż Transport Malta, dwar il-pjanti riveduti u x-xogħlijiet meħtieġa biex jiġu implimentati dawn il-bidliet.

Seduta Numru 26
21/10/2026